# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 15 ta' Jannar 2023**

**Rik. Gur. Nru.: 8/2021 JPG**
**Kawza Nru.: 21**

**GD**
**Vs**
**MD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici datat 11 ta' Jannar 2021, a fol 1 et seqq., b'talba ghall-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'tortijiet unikament imputabbli lill-intimat; ghal-likwidazzjoni u xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet; b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 sa 53tal-Kodici Civili; ghad-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti mhux necessarjament ugwali bejn il-partijiet; ghal ritorn tal-beni parafernali lill-attrici u nomna tan-nutar pubbliku ghall-pubblikazzjoni tal-atti relattiv u kuraturi deputati biex jirrapresentaw lill-eventwali kontumaci.

Rat illi r-rikors promotur flimkien mad-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat datata 4 ta' Novembru 2021 a fol 18 et seqq., li permezz tar-risposta guramentata ikkontenda li z-zwieg tkisser irrimeddjabbilment ghal ragunjiet

imputabbli lill-attrici; illi d-disposizzjonijiet indikati fir-raba' talba, ghadhom jigu applikati kontra l-attrici; illi l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi likwidata u skond il-htija ghat-tkissir taz-zwieg u cioe' il-htija imputabbli lill-attrici.

Semghat ix-xhiedha[1];

Rat id-dokumentazzjoni esebita;

Rat illi l-partijiet ppresentaw abbozz ta ftehim, liema abbozz gie awtorizzat minn din il-Qorti fl-20 ta' Marzu 2022;

Rat illi fl-udjenza tat-20 ta' Novembru 2023, din il-Qorti giet infurmata illi minkejja li l-partijiet ftehmu fuq abbozz li gie debitament awtorizzat mill-Qorti, l-intimat ma rnexxilux jikseb finanzjarjament ghad-dejn bankarju izda m'ghandux oggezzjoni li dak indikat fl-abbozz awtorizzat minn din il-Qorti fl-20 ta' Marzu 2022, jigi inkorporat f'sentenza ta' din il-Qorti.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba adulterju, abbandun, u agir irresponsabbli, kommessi minnu kontra taghha.

Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet zzewgu l-Awstralja nhar it-28 ta' Frar 1999 u sussegwentement rritornaw lura Malta fejn ikkonsagraw iz-zwieg taghhom skont ir-rit Kattoliku fil-Parocca ta' Haz-Zabbar fl-24 ta' Ottubru tas-sena 1999. Illi minn dan iz-zwieg kellhom iben, B li twieled f'X, u llum huwa maggorenni.

Illi kif rilevat iktar 'l fuq, fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2023, din il-Qorti giet infurmata illi minkejja li l-intimat ma rnexxilux jikseb finanzjarjament ghad-dejn

[1] Din il-Qorti kienet semghat lill-attrici tixhed viva voce fl-udjenza tals-26 ta' Mejju 2022. Stante fl-ahhar udjenza din il-Qorti intalbet sabiex tinkorpora dak miftiehem fl-abbozz awtorizzat minn din il-Qorti fl-20 ta' Marzu 2022, fis-sentenza finali taghha, din il-Qorti sejra tastjeni milli teihu konjizzjoni tal-imsemmija testimonjanza stante li din kienet tirrelata dwar il-htija o meno tal-intimat, u lanqas mhi ser tigi ri-prodotta estratt mill-istess testimonjanza f'dina id-decisjoni.

Bankarju pendenti f'ismu, l-intimat m'ghandux oggezzjoni li dak indikat fl-abbozz awtorizzat minn din il-Qorti fl-20 ta' Marzu 2022 a fol 26A et seq, jigi inkorporat f'sentenza ta' din il-Qorti.

Illi ghalhekk u fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti tinkorpora b'mod shih dak maqbul bejn il-partijiet fl-abbozz precedentement awtorizzat minn din il-Qorti nhar l-20 ta' Marzu 2022.

Il-partijiet ftehemu illi ghandha tigi ppronunzjata is-separazzjoni personali bejniethom, l-awtorizazzjoni li jghixu separatament minn xulxin u awtorizazzjoni li jaghmlu l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizazzjoni tal-parti l-ohra.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

Din il-Qorti tosserva illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ghadha vigenti. Illi l-partijiet qablu illi l-komunjoni ghandha tigi xolta u likwidata kif segwenti:

a. Stante li l-partijiet m'ghandhom l-ebda assi immobbli bejniethom, m'hemm l-ebda assenjazzjoni f'dan is-sens;
b. Il-partijiet diga ddisponew mid-dar matrimonjali;
c. Illi l-flus kontanti u oggetti fil-pussess tal-partijiet, jappartjenu lil dik il-parti li diga' ghandha pussess taghhom;
d. Illi kwalsiasi kont bankarju, u/jew investiment, li qieghed intestat f'isem parti wahda, qieghed jigi assenjat lil dik il-parti, u dan ad esklussjoni tal-parti l-ohra stante li m'hemm l-ebda pretensjoni mill-parti l-ohra f'dan ir-rigward;
e. Illi d-dejn li gie kkontratt mill-intimat mal-Bank of Valletta plc, ad insaputa tal-attrici, liema dejn effettivament wassal sabiex il-partijiet jitilfu d-dar matrimonjali taghhom, qieghed jigi assenjat esklussivament lill-intimat, b'dana illi mid-data ta' din is-sentenza, l-attrici mhiex responsabbli ghal-imsemmi dejn fl-intier tieghu, inkluz kwalunkwe imghax fuq l-istess dejn;
f. Illi d-dejn ikkuntrattat mill-intimat mad-Dipartiment tat-Taxxa, qieghed ukoll jigi assenjat esklussivament lill-intimat b'dana illi mid-data ta' din is-sentenza, l-attrici mhiex responsabbli ghal-imsemmi dejn fl-intier tieghu, inkluz

kwalunkwe imghax fuq l-istess;

g. Illi ghal kull buon fini din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita' li jirrizulta xi dejn gravanti l-kommunjoni tal-akkwisti, tali dejn jew obbligazzjoni ghandha tithallas mill-parti li tkun ghamlitu jew ikkontrattatu. Il-Qorti tirriserva id-dirtt ta' rivalza lill-konjugi l-iehor, kemm-il darba dan jigi ordnat jaghmel il-hlas ghal dan id-dejn jew obbligazzjoni.

***Obbligi u Drittijiet Konjugali***

a. Din il-Qorti tordna illi mid-data ta' din is-sentenza il-partijiet ghandhom jissottomettu *Income Tax Return* separatament;
b. Illi l-partijiet qablu illi m'ghandu jkun hemm l-ebda manteniment favur il-parti l-ohra u rrinunzjaw irrevokabbilment u reciprokament ghal kull dritt ta' successjoni fil-konfront ta' xulxin inkluz ghas-sehem rizervat, liema rinunzja testendu ukoll ghad-drittijiet ta' successjoni talvolta naxxenti minn testmenti illi setghu saru mill-partijiet flimkien jew separatament qabel illum;
c. Illi mid-data ta' din is-sentenza il-partijiet jirriakkwistaw id-dritt illi jaghmlu l-atti kollha tal-hajja civili u kummercjali minghajr il-kunsens, approvazzjoni jew intervent tal-parti l-ohra;

Din il-Qorti rat illi l-attrici ghamlet talba sabiex hija tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe Cassar. Illi din il-Qorti tilqa' din it-talba, u tordna illi l-attrici ghandha tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe il-kunjom Cassar.

Illi ukoll, din il-Qorti tirrevoka kwalsiasi prokura, specjali jew generali, in iskritt jew verbali, illi setghet tul iz-zwieg tal-partijiet inghatat minn xi wahda mill-partijiet favur il-parti l-ohra, u tordna t-terminazzjoni tal-istess, b'dana illi mid-data ta' din is-sentenza hadd mill-partijiet ma jista' jipprezenta lilu nnifsu bhala prokuratur jew mandatarju tal-parti l-ohra.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti stante li z-zwieg tal-partijiet tkisser**

**irrimedjabbilment u l-hajja konjugali ta' bejniethom ma baqghetx aktar possibbli minhabba ragunijiet illi huma sufficjenti fil-ligi ghal dan il-ghan; tawtorizza lill-partijiet jghixu separatament minn xulxin u tawtorizza lill-partijiet jaghmlu l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-parti l-ohra;**

2. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante l-ewwel decide;**

3. **Tilqa' it-tielet talba u u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod;**

   i. **Tordna illi l-flus kontanti u oggetti fil-pussess tal-partijiet, jappartjenu lil dik il-parti li diga' ghandha pussess taghhom;**
   ii. **Tordna illi kwalsiasi kont bankarju, u/jew investiment, li qieghed intestat f'isem parti, jigi assenjat lil dik il-parti, u dan ad esklusjoni tal-parti l-ohra;**
   iii. **Tordna illi d-dejn li gie kkontratt mill-intimat mal-Bank of Valletta plc, ad insaputa tal-attrici, jigi assenjat esklussivament lill-intimat, b'dana illi mid-data ta' din is-sentenza, l-attrici mhiex responsabbli ghall-hlass tal-istess dejn fl-intier tieghu, inkluz kwalsiasi imghax fuq d-dejn;**
   iv. **Tordna illi d-dejn ikkuntrattat mill-intimat mad-Dipartiment tat-Taxxa, jigi assenjat esklussivament lill-intimat b'dana illi mid-data ta' din is-sentenza, l-attrici mhiex responsabbli ghall-hlas tal-imsemmi dejn fl-intier tieghu, inkluz kwalsiasi imghax fuq l-istess dejn;**
   v. **Tordna illi fl-eventwalita' li jirrizulta xi dejn gravanti l-kommunjoni tal-akkwisti, tali dejn jew obbligazzjoni ghandha tithallas mill-parti li tkun ghamlitu, bi dritt ta' rivalza tal-parti l-ohra f'kas li tigi ordnata thallas tali dejn jew obligazzjoni.**

4. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba kif dedotta u tiddikjara illi l-partijiet reciprokament irrinunzjaw irrevokabbilment ghal kwalsiasi**

**dritt ta' manteniment u/jew dritt ta' successjoni fil-konfront ta' xulxin inkluz ghas-sehem rizervat, liema rinunzja testendi ukoll ghad-drittijiet ta' successjoni talvolta naxxenti minn testmenti illi setghu saru mill-partijiet flimkien jew separatament qabel illum;**

5. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba kif dedotta stante li l-istess talba giet indirizzata sopra;**

6. **Tilqa' s-sitt talba u tordna illi fl-ipotesti li hemm xi beni parafernali, dawn ghandhom jigi jitornati lill-parti li lilha jkunu jappartjenu fi zmien tlett gimghat minn din is-sentenza;**

7. **Tinnomina lin-Nutar Dr. James Grech sabiex jippubblika l-att relattiv u lil Dr Stefano Filletti, Kuratur f'eventwali kontumacja tal-intimat;**

8. **Tawtorizza lill-attrici tirriverti lura ghall-kunjom xbibtha u cioe Cassar;**

9. **Tawtorizza lill-partijiet sabiex jirregistraw din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjes ghandhom ikunu divizi ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**